# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru 2015**

**Mandat Numru : 222/2015/1 JPG**

**Valeria Zammit (K.I. Nru. 0063812A)**
**mart Mark Zammit bint Victor Tarasov**
**u Svetlana nee Kostenko imwielda r-Russja**

**Vs**

**Mark Zammit (K.I. Nru 0224485M)**
**bin Joe u Carmelina nee Callus**
**imwieled il-Pieta'**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Valeria Zammit tat-30 ta' Settembru 2015 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli b' xi mod jittrasferixxi bi kwalsiasi titolu jew jiddisponi jew jikkrea xi piz jew jipoteka l-utile dominium temporanju ghal perjodu illi baqa minn mija u hamsin (150) sena liema perjodu beda jiddekorri fid-dsghatax ta' Mejju elf disgha mija u erbgha u sittin*

*(19.06.1964) u li ser jaghlaq fit-tmintax ta' Mejju elfejn mija u erbatax (18.05.2114) tal-* ***appartament*** *gewwa Portomaso Development accessibbli minn Triq il-Knisja u minn Triq Spinola gewwa San Giljan internament innumerat tnejn u ghoxrin (22) maghrufa ukoll bhala appartament numru tnejn tlieta tnejn tnejn (****2322****) fI-ewwel sular, allura fit-tieni livell kalkulat minn naha tal-Marina, li huwa parti minn block ta' tmintax (18) appartamenti residenzjali u penthouse minnghajr numru, maghruf bhala Block Twenty Three (23) accessibbli minn triq minghajr isem gewwa Portomaso Development liema triq tizbokka go Triq il-Knisja, liema kumpless residenzjali u kummercjali huwa minghajr numru, maghruf bhala Portomaso, gewwa l-imsemmija triq u konfinanti mill-Majjistral, mill-Punent u mill-Lbic ma' toroq u spazji miftuha gewwa Portomaso Development proprjeta' ta' Spinola Development Company Limited u l-****garage parking space*** *internament innumerat tlieta tlieta sebgha sitta (****3376)*** *li jinsab fil-livel minus tlieta (-3) tal-garage complex, minnghajr numru u minnghajr isem, accessibbli minn triq liema triq tizbokka go Triq il-Knisja, gewwa l-kumpless Portomaso go Portomaso Development, liema garage complex ghandu entratura komuni, tmiss mal-istess garage complex u konfinanti mill-Majjistral mal-imsemmija triq ta' access, max-Xlokk mal-moll tal-Marina, proprjeta' ta' Spinola Developments Limited u mal-Lvant u l-Punent ma proprjeta' ta' Spinola Developments Limited u s-successuri taghha fit-titolu, dan kollu kif ahjar deskritt fl-att relattiv tal-akkwist ippubblikat fl-atti tan-Nutar Malcolm Camilleri fis-16 ta' Settembru 2011.*

*Illi l-esponenti tixtieq tikkawtela d-drittijiet taghha illi tircievi minghand l-intimat zewgha manteniment ghaliha u ghal minuri Valentina, bint il-kontendenti, illi twieldet fis-17 ta' Ottubru 2012.*

*Illi l-esponenti intavolat proceduri ta' medjazzjoni bin-numru 508/15 GG talba ghas-separazzjoni personali kontra l-intimat zewgha.*

*Illi in oltre, l-imsemmija proprjeta' tikkostitwixxi d-dar matrimonjali ossija d-dar taz-zwieg tal-kontendenti, konjugi Zammit"*

Rat id-digriet tat-30 ta' Settembru 2015 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tas-19 t'Ottubru 2015 1:30pm.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil kontro parti skond il-ligi;

Rat illi minkejja d-debita notifika, Mark Zammit ghazel li ma jintavola ebda risposta ghal dawn il-proceduri u naqas li jidher fil-hin skedat ghal dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Qieset ir-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti sabiex tressaq dan il-procediment;

Qieset illi r-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti biex taghmel it-talba taghha, mhumiex kontradetti fis-sens li r-rikorrenti ghandha id-dritt tipprotegi id-dritt tal-manteniment taghha u tal-bintha minuri Valentina; fis-sens li jirrizulta di piu' illi r-rikorrenti Valeria Zammit giet perswaza biex tohrog mir-residenza matrimonjali b'qerq prattikat fuqha minn zewgha; u jirrizulta di piu' illi giet mgharrfa illi zewgha Mark Zammit gja' qieghed din ir-residenza matrimonjali ghall-bejgh fuq il-kotba tal-Agenzija tal-proprjeta ta' Frank Salt.

Ghalhekk jissussistu r-rekwiziti tal-Art. 873 tal-Kap. 12 ghall-hrug tal-Mandat;

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta. Konsegwentement qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimat fit-termini mitluba mir-rikorrenti. Tordna lill-intimat sabiex jhallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.

In oltre ai termini ta' Artikolu 874 (3) tal-Kapitolu 12, il-Qorti qedgha tinnomina lin-Nutar Dr. Louise Vella Bardon, a spejjez tar-rikorrent, sabiex l-istess Nutar, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, tinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbiku u lir-Registratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni;

**Moghti kameralment fis-19 t'Ottubru 2015**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**